Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2129(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") awditjat oqsma ta' nfiq li jinkludu diversi politiki relatati mal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri (Intestatura 4) u s-sigurtà u d-difiża (Intestatura 5);

2. Jinnota li għall-oqsma ta' nfiq awditjati relatati mal-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà u d-difiża, il-Qorti eżaminat kampjun ta' 23 tranżazzjoni, taħt l-intestaturi 4 u 5 tal-QFP; jieħu nota tal-ispjegazzjoni tal-Qorti li l-ambitu tal-awditu ma kienx maħsub biex ikun rappreżentattiv għal dawn l-intestaturi iżda madankollu kkontribwixxa għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħhom; itenni t-talba tal-Parlament biex jitwettaq l-awditu b'mod li jippermetti l-kalkolu tal-livell ta' żball stmat;

3. Jinnota bi tħassib il-fatt li 11 mit-23 tranżazzjoni eżaminati mill-Qorti kien fihom żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati lill-baġit tal-Unjoni; jenfasizza li każijiet bħal dawn jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni;

4. Jinnota li l-Istati Membri reġgħu taw spinta lill-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom fl-2022; jinsab imħasseb dwar il-fatt li għadhom ma ġewx żborżati ammonti sinifikanti kemm għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) (26 %) kif ukoll għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) (33 %), hekk kif jirrikonoxxi li l-finanzjament għall-2014-2020 għandu jintefaq sa Ġunju 2024; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effettiva tal-programmi nazzjonali rispettivi tagħhom;

5. Jinnota li l-Kummissjoni ma użatx il-prerogattivi sħaħ tagħha, bħala gwardjan tat-trattati, biex tiżgura li r-Rumanija u l-Bulgarija jiġu aċċettati fiż-żona Schengen, minkejja l-fatt li ż-żewġ pajjiżi ilhom mill-2011 jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha biex ikunu membri sħaħ taż-żona Schengen;

6. Jiddispjaċih dwar il-prattika tal-Kummissjoni li spiss tipprovdi biss ammont limitat ħafna ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE lill-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar proattiva f'dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni ta' tali statistika sabiex turi li l-politiki huma neċessarji u proporzjonati għall-ilħuq tal-objettiv tagħhom;

7. Jieħu nota tal-azzjonijiet fil-pront mid-DĠ HOME wara l-aggressjoni Russa, speċjalment l-abbozzar f'waqtu ta' deċiżjoni li ppermettiet l-attivazzjoni għall-ewwel darba tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja;

8. Jinnota li n-numru ta' migranti mingħajr dokumenti fil-fruntieri esterni qed ikompli jiżdied meta mqabbel mas-sena preċedenti; jieħu nota tal-azzjonijiet tad-DĠ HOME minn naħa biex joħloq sħubijiet kontra n-networks tat-traffikar tal-bnedmin, biex

jappoġġja lill-Istati Membri fit-twettiq ta' rilokazzjonijiet u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment u fit-titjib tal-proċeduri rapidi u effiċjenti tal-ażil u tar-ritorn, bħal dawk li relatati mal-politika tal-UE dwar il-viżi u l-kooperazzjoni bilaterali, u min-naħa l-oħra azzjonijiet li jippromwovu politiki ta' integrazzjoni għal- ċittadini mhux tal-UE legalment residenti; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem favur strateġija għal ritorni aktar effettivi f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem ta' dawk li jaslu fl-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli testendi l-kooperazzjoni esterna tagħha dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikolu 218 tat-TFUE, kif ukoll tippromwovi politiki ta' integrazzjoni għal ċittadini mhux tal-UE legalment residenti, b'appoġġ mill-AMIF;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-fondi għall-Affarijiet Interni f'pajjiżi terzi u l-finanzjament tal-NDICI, bħal f'pajjiżi bħat-Tuneżija u l-Libja; jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi ħarsa ġenerali disponibbli għall-pubbliku tal-infiq kollu relatat mal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, u jħeġġeġ valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-infiq relatat mal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, u jistedinha tikkondividi dawn il-valutazzjonijiet mal-Parlament;

10. Jirrikonoxxi l-appoġġ kontinwu tad-DĠ JUST għall-politika tal-Kummissjoni dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt fl-Unjoni, speċjalment l-edizzjoni annwali tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja u t-tielet Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt, li għall-ewwel darba kien fih rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-segwitu effettiv tar-rakkomandazzjonijiet ipprovduti lill-Istati Membri kkonċernati, u tieħu azzjoni f'każ li ma jiġux adottati miżuri adegwati fil-livell nazzjonali biex jiġi indirizzat it-tħassib eżistenti;

11. Jinnota bi tħassib ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, li stqarr li f'85 % tal-każijiet il-Kummissjoni ma tittrattax l-applikazzjonijiet konfermatorji fil-limiti ta' żmien legali; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni b'mod urġenti u tikkonforma mar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jikkostitwixxi prekundizzjoni fundamentali għat-trasparenza u l-fiduċja pubblika fil-Kummissjoni; ifakkar li fl-2022, l-Ombudsman ħeġġet lill-Kummissjoni tittratta b'konsistenza akbar it-talbiet għal aċċess għal dokumenti li jikkonċernaw il-fondi ta' rkupru tal-UE u tispjega aħjar ir-raġunament tagħha jekk tiddeċiedi li ma tirrilaxxax l-informazzjoni mitluba[1], u li l-Ombudsman fetħet inkjesta dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-proposta tagħha għal Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa[2];

12. Jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' miżuri ta' infurzar tal-Kummissjoni u ta' segwitu leġiżlattiv għar-rakkomandazzjoni tal-Parlament, inkluż dwar ir-rakkomandazzjoni tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim Qafas u fil-

[1] https://www.ombudsman.europa.eu/en/news-document/en/163567
[2] https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/62762

Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

13. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rivelazzjonijiet dwar kunflitti ta' interess li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli tal-Kummissjoni u l-użu tal-kampanja ta' reklamar X relatata mar-regolament dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti kollha mitluba mill-Parlament u tkun trasparenti għalkollox dwar dan il-każ;

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 –: 13 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

42	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

13	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier

1	0
Verts/ALE	Patrick Breyer

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni